Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1798/2003**

tas-7 ta' Ottubru 2003

dwar il-koperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru. 218/92

(ĠU L 264, 15.10.2003, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-regolament tal-kunsill (KE) Nru 885/2004, tal-26 ta' April 2004	L 168	1	1.5.2004
►M2	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	629	31.12.2008
►M3	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 143/2008 tat-12 ta' Frar 2008	L 44	1	20.2.2008
►M4	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 37/2009 tas-16 ta' Diċembru 2008	L 14	1	20.1.2009

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1798/2003

tas-7 ta' Ottubru 2003

dwar il-koperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru. 218/92

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 93 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([3]),

Billi:

(1) L-evażjoni tat-taxxa u l-frodi li jestendu mal-fruntieri ta' l-Istati Membri mhux biss iwasslu għal telf fil-budget imma anke jwasslu għal vjolazzjonijiet tal-prinċipji ta' ġustizzja fiskali u jistgħu jipprovokaw distorzzjonijiet ta' movimenti ta' kapital u tal-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni. Huma għalhekk jolqtu l-attività tas-suq intern.

(2) Il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tesiġi koperazzjoni stretta bejn l-awtoritajiet amministrattivi f'kull Stat Membru li hu responsabbli għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet f'dak il-qasam.

(3) Il-miżuri ta' l-armonizzazzjoni tat-taxxa meħudha biex jitlesta s-suq intern għandhom għalhekk jinkludu l-istabbiliment ta' sistema komuni għal skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri fejn l-awtoritajiet amministrattivi tagħhom għandhom jassistu lil xulxin u jikkoperaw mal-Kummissjoni biex tiġi żgurata applikazzjoni tajba tal-VAT fuq provvisti ta' prodotti u servizzi, fuq l-akkwist intra-Komunitarju ta' prodotti u fuq l-importazzjoni ta' prodotti.

(4) Ħażna elettronika u trasmissjoni ta' ċerta informazzjoni għal skopijiet ta' kontroll tal-VAT huma indispensabbli għall-funzjonament tajjeb tas-sistema tal-VAT.

(5) Il-kondizzjonijiet għal tibdil ta', u aċċess dirett ta' Stati Membri għal, informazzjoni miżmuma b'mod elettroniku f'kull Stat Membru għandhom jiġu mfissra b'mod ċar. L-operaturi għandu jkollhom aċċess għal xi informazzjoni, meta meħtieġ, għal qadi ta' dmirijiethom.

(6) L-Istati Membri ta' konsum għandhom responsabbiltà primarja li jiżguraw li fornituri mhux stabbiliti jikkonformaw ma' l-obbligazzjonijiet tagħhom. Għal dan il-għan, l-applikazzjoni ta' l-iskema speċjali temporanja għal servizzi forniti b'mod elettroniku li hi pprovduta fl-Artikolu 26ċ tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw mat-taxxi fuq il-profitt, sistema Komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' valutazzjoni ([4]), teħtieġ id-definizzjoni ta' regoli dwar il-provvista

([1]) ĠU C 270 E, tal-25.9.2001, p. 87.
([2]) ĠU C 284 E, tal-21.11.2002, p. 121 and 191.
([3]) ĠU C 80, tat-3.4.2002, p. 76.
([4]) ĠU L 145, tat-13.6.1977, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/92/KE (ĠU L 331, tas-7.12.2002, p. 27).

▼B

ta' informazzjoni u trasferiment ta' flus bejn l-Istati Membri ta' identifikazzjoni u l-Istati Membri ta' konsum.

(7) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 218/92 tas-27 ta' Jannar 1992 dwar koperazzjoni amministrattiva fil-qasam ta' tassazzjoni indiretta (VAT)(%) ([1]) stabbilixxa f'dan ir-rispett sistema ta' koperazzjoni stretta bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u bejn dawn l-awtoritajiet u l-Kummissjoni.

(8) Ir-Regolament (KEE) Nru. 218/92 jissupplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 77/799/KEE tad-19 ta' Diċembru 1977 dwar għajnuna reċiproka mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fil-qasam ta' tassazzjoni diretta u indiretta ([2]).

(9) Dawn iż-żewġ strumenti ġuridiċi wrew li huma effettivi imma insuffiċjenti biex jilħqu l-ħtiġiet ġodda tal-koperazzjoni amministrattiva li tirriżulta mill-integrazzjoni dejjem stretta ta' l-ekonomiji fis-suq intern.

(10) Barra minn hekk, l-eżistenza ta' żewġ strumenti separati għal koperazzjoni fuq il-VAT fixklet koperazzjoni effettiva bejn l-amministrazzjonijiet fiskali.

(11) Id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet tal-partijiet koerenti kollha mhumiex preżentament imfissra b'mod tajjeb. Hu neċessarju li jiġu stabbiliti regoli aktar ċari u li jorbtu li jirregolaw il-koperazzjoni bejn Stati Membri.

(12) M'hemmx biżżejjed kuntatt dirett bejn l-uffiċċji lokali jew nazzjonali ta' kontra l-frodi; bħala norma l-komunikazzjoni sseħħ bejn l-uffiċċji ċentrali ta' kollegament. Dan iwassal għal ineffiċjenza, limitazzjoni ta' l-użu ta' l-arranġamenti għal koperazzjoni amministrattiva u dewmien fil-komunikazzjoni. Għandhom għalhekk jiġu pprovduti miżuri li jħalli kuntatti aktar diretti bejn is-servizzi bil-għan li l-koperazzjoni ssir aktar effiċjenti u aktar malajr.

(13) Fl-aħħar mill-aħħar, il-koperazzjoni mhiex intensiva biżżejjed, fis-sens, li apparti s-sistema ta' skambju ta' informazzjoni tal-VAT (VIES), m'hemmx biżżejjed skambji ta' informazzjoni awtomatiċi jew spontanji bejn l-Istati Membri. L-iskambji ta' informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet rispettivi u bejn l-amministrazzjonijiet u l-Kummissjoni għandhom isiru aktar intensivi u aktar immedjati sabiex il-frodi jkun miġġieled b'mod mill-aktar effiċjenti.

(14) Id-disposizzjonijiet dwar il-koperazzjoni amministrattiva fir-rigward ta' VAT tar-Regolament (KEE) Nru. 218/92 u tad-Direttiva 77/799/KEE għandhom għalhekk jiġu magħquda u msaħħa. Għar-raġunijiet ta' ċarezza, dan għandu jsir bi strument wieħed ġdid li jbiddel lir-Regolament (KEE) Nru. 218/92.

(15) Dan ir-Regolament m'għandux jolqot il-miżuri l-oħra tal-Komunità li jagħtu kontribut għall-ġlieda kontra l-frodi relatati mal-VAT.

(16) Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, hu xieraq li jiġu kkunsidrati limitazzjonijiet ta' ċerti drittijiet u obbligi stabbiliti mid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' informazzjoni personali u dwar il-moviment ħieles ta' din l-informazzjoni ([3]) sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi msemmija fl-Artikolu 13(1)(e) ta' dik id-Direttiva.

(17) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri

([1]) ĠU L 24, ta' l-1.2.1992, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 792/2002 (ĠU L 128, tal-15.5.2002, p. 1).
([2]) ĠU L 336, tas-27.12.1977, p. 15. Direttiva kif l-aħħar emendata bil-Att ta' Adeżjoni ta' l-1994
([3]) ĠU L 281, tat-23.11.1995, p. 31.

▼B

għall-eżerċizzju ta' kompetenzi ta' eżekuzzjoni mogħti lill-Kummissjoni ([1]).

(18) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji li huma rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li bihom l-awtoritajiet amministrattivi fl-Istati Membri responsabbli għall-applikazzjoni tal-liġijiet dwar il-VAT għall-provvisti ta' oġġetti u servizzi, għall-akkwist intra-Komunitarju ta' oġġetti u għall-importazzjoni ta' oġġetti għandhom jikkoperaw flimkien u mal-Kummissjoni biex jiżguraw konformità ma' dawn il-liġijiet.

Għal dak il-għan, huma stabbiliti regoli u proċeduri biex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri biex jikkoperaw u jibdlu informazzjoni bejniethom li tista' tgħinhom biex jagħmlu valutazzjoni korretta tal-VAT.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli u proċeduri għall-iskambju ta' ċerta informazzjoni b'mezzi elettroniċi, b'mod partikolari fir-rigward ta' VAT fuq transazzjonijiet intra-komunitarji.

▼M3

Għall-perijodu previst fl-Artikolu 357 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/EC tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([2]), jistabbilixxi wkoll regoli u proċeduri għall-iskambju b'mezzi elettroniċi ta' informazzjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud fuq is-servizzi skond l-iskemi speċjali previsti fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII ta' din id-Direttiva 2006/112/KE, u wkoll għal kwalunkwe skambju sussegwenti ta' informazzjoni u, safejn huma kkonċernati s-servizzi koperti minn dik l-iskema speċjali, għat-trasferiment ta' flus bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri.

▼B

2. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-applikazzjoni tar-regoli għal għajnuna reċiproka f'kwistjonijiet kriminali fl-Istati Membri.

Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

1. "awtorita kompetenti ta' Stat Membru", tfisser:

— fil-Belġju:

Le ministre des finances

De Minister van financiën,

▼M2

— fil-Bulgarija:

Изпълнителният директор на Националната агенция за приходите,

([1]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.
([2]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2008/8/KE (ĠU L 44, 20.2.2008, p. 11).

▼M1

— fir-Repubblika Ċeka:

Ministerstvo financí,

▼B

— f'Denmark:

Skatteministeren,

— fil-Ġermanja:

Bundesministerium der Finanzen,

▼M1

— fl-Estonja:

Maksuamet,

▼B

— fil-Greċja:

Υπουργειο Οικονομίας και Οικονομικων,

— fi Spanja:

El Secretario de Estado de Hacienda,

— fi Franza:

le ministre de l'économie, des finances et de l'industrie,

— fl-Irlanda:

The Revenue Commissioners,

— fl-Italja:

il Capo del Dipartimento delle Politiche Fiscali,

▼M1

— f'Ċipru:

Υπουργός Οικονομικών ή εξουσιοδοτημένος αντιπρόσωπος του,

— fil-Latvja:

Valsts ieņēmumu dienests,

— fil-Litwanja:

Valstybinė mokesčių inspekcija prie Finansų ministerijos,

▼B

— fil-Lussemburgu:

L'Administration de l'Enregistrement et des Domaines,

▼M1

— fl-Ungerija:

Adó- és Pénzügyi Ellenőrzési Hivatal Központi Kapcsolattartó Irodája,

— f'Malta:

Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi,

▼B

— fl-Olanda:

De minister van Financiën,

— fl-Awstrija:

Bundesminister für Finanzen,

▼M1

— fil-Polonja:

Minister Finansów,

▼B

— fil-Portugall:

O Ministro das Finanças,

▼M2

— fir-Rumanija:

Agenția Națională de Administrare Fiscală,

▼M1

— fis-Slovenja:

Ministrstvo za finance,

— fis-Slovakkja:

Ministerstvo financií,

▼B

— fil-Finlandja:

Valtiovarainministeriö

Finansministeriet,

— fl-Isvezja:

Chefen för Finansdepartementet,

— fir-Renju Unit:

The Commissioners of Customs and Excise;

2. “uffiċċju ċentrali ta' kollegament”, tfisser l-uffiċċju li nħatar skond l-Artikolu 3(2) bir-responsabbiltà prinċipali għal kuntatti ma' l-Istati Membri l-oħra fil-qasam tal-koperazzjoni amministrattiva;

3. “dipartiment ta' kollegament”, tfisser kull uffiċċju għajr l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament b'kompetenza territorjali speċifika jew responsabbiltà operazzjonali speċifika li nħatar mill-awtorità kompetenti skond l-Artikolu 3(3) biex l-informazzjoni tiġi mibdula direttament fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament;

4. “uffiċjali kompetenti”, tfisser kull uffiċjal li jista' jibdel informazzjoni direttament fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament li għaliha ġie awtorizzat skond l-Artikolu 3(4);

5. “awtorità rikjedenti”, tfisser l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament, dipartiment ta' kollegament jew kull uffiċjal kompetenti ta' Stat Membru li jagħmel talba għall-għajnuna f'isem l-awtorità kompetenti;

6. “awtorita rikjesta”, tfisser l-uffiċċju ċentrali ta' kollegament, dipartiment għal kollegament jew kull uffiċjal kompetenti ta' Stat Membru li jirċievi talba għall-għajnuna f'isem l-awtorità kompetenti;

7. “transazzjonijiet intra-Komunitarji”, tfisser il-provvista intra-Komunitarja ta' oġġetti u servizzi;

▼M3

8. “forniment intra-Komunitarju ta’ merkanzija”, tfisser kwalunkwe forniment ta’ merkanzija li għandu jiġi ddikjarat fid-dikjarazzjoni rikapitolattiva prevista fl-Artikolu 262 tad-Direttiva 2006/112/KE;

9. “forniment intra-Komunitarju ta’ servizzi”, tfisser kwalunkwe forniment ta’ servizzi li għandu jiġi ddikjarat fid-dikjarazzjoni rikapitolattiva prevista fl-Artikolu 262 tad-Direttiva 2006/112/KE;

10. “akkwist intra-Komunitarju ta’ merkanzija” tfisser l-akkwist taddritt skond l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2006/112/KE li tiddisponi bħala sid ta’ proprjetà tanġibbli mobbli;

▼M3

11. “numru ta’ identifikazzjoni tal-VAT” tfisser in-numru previst fl-Artikoli 214, 215 u 216 tad-Direttiva 2006/112/KE;

▼B

12. “inkjesta amministrattiva”, tfisser il-kontrolli, il-verifikazzjonijiet u azzjonijiet oħra kollha meħuda minn Stati Membri fil-qadi ta' dmirijiethom bil-għan li jiżguraw applikazzjoni korretta tal-leġislazzjoni tal-VAT;

13. “skambju awtomatiku”, tfisser il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni definita minn qabel lil Stat Membru ieħor, mingħajr talba minn qabel, f'intervalli regolari stabbiliti minn qabel;

14. “skambju awtomatiku strutturat”, tfisser il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni definita minn qabel lil Stat Membru ieħor, mingħajr talba minn qabel, kif u meta tkun disponibbli dik l-informazzjoni;

15. “skambju spontanju”, tfisser il-komunikazzjoni rregolari ta' informazzjoni lil Stat Membru ieħor mingħajr talba minn qabel;

16. “persuna”, tfisser:

    (a) persuna naturali;

    (b) persuna ġuridika; jew

    (ċ) fejn il-leġislazzjoni li hemm fis-seħħ tipprovdi hekk, assoċjazzjoni ta' persuni rikonoxxuti bħala li għandhom il-kapaċità li jwettqu atti ġuridiċi imma li m'għandhomx l-istatut ġuridiku ta' persuna ġuridika;

17. “permess ta' aċċess”, tfisser li jiġi awtorizzat l-aċċess għall-bażi ta' informazzjoni u li tiġi pprovduta informazzjoni b'mezzi elettroniċi;

18. “b'mezzi elettroniċi”, tfisser l-użu ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża l-kompressjoni diġitali) u l-ħażna ta' informazzjoni, u l-utilizzazzjoni ta' wajers, xandir bir-radju, teknoloġiji ottiki jew mezzi oħra elettromagnetiċi;

19. “Network CCN/CSI”, tfisser il-pjattaforma komuni bbażata fuq in-network komuni ta' komunikazzjoni (CCN) u l-interface komuni tas-sistema (CSI), żviluppata mill-Komunità biex tiżgura t-trasmissjonijiet kollha b'mezzi elettroniċi bejn awtoritajiet kompetenzi fiżżona ta' dwana u taxxa.

Artikolu 3

1. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-punt 1 ta' l-Artikolu 2 huma l-awtoritajiet li f'isimhom għandu jkun applikat dan ir-Regolament, jew direttament jew permezz ta' delegazzjoni.

2. Kull Stat Membru għandu jaħtar uffiċċju ċentrali ta' kollegament wieħed li r-responsabbiltà prinċipali, fis-sens ta' ħatra, hi l-kuntatti ma' Stati Membri oħra fil-qasam tal-koperazzjoni amministrattiva. Dan għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan.

3. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru tista' taħtar dipartimenti ta' kollegament. L-uffiċċju ċentrali ta' kollegament għandu jkun responsabbli milli jżomm aġġornata l-lista ta' dawn id-dipartimenti u jagħmilha disponibbli għall-uffiċċji ċentrali ta' kollegament ta' l-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

4. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru tista', b'addizzjoni, taħtar, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti minnha, uffiċjali kompetenti li jistgħu jpartu informazzjoni direttament fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament. Meta dan isir, tista' tillimita l-iskop ta' din il-ħatra. L-uffiċċju ċentrali ta' kollegament għandu jkun risponsabbli milli jżomm aġġornata l-lista ta' dawn l-uffiċjali u jagħmilha disponibbli għall-uffiċċji ċentrali ta' kollegament ta' l-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

▼B

5. L-uffiċjali li jibdlu informazzjoni skond l-Artikoli 11 u 13 għandhom, f'kull każ, ikunu meqjusa bħala uffiċjali kompetenti għal dan il-għan, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti.

6. Meta dipartiment ta' kollegament jew uffiċjal kompetenti jibgħat jew jirċievi talba jew risposta għal talba għall-għajnuna, għandhom jinformaw lill-uffiċċju ċentrali ta' kollagement ta' l-Istat Membru tagħhom skond il-kondizzjonijiet stabbiliti minn dan ta' l-aħħar.

7. Meta dipartiment ta' kollegament jew uffiċjal kompetenti jirċievu talba għall-għajnuna li teħtieġ azzjoni barra t-territorju jew iż-żona operattiva tagħhom, huma għandhom jgħaddu din it-talba mingħajr dewmien lill-uffiċċju ċentrali ta' kollegament ta' l-Istat Membru tagħhom u jinformaw lill-awtorità rikjedenti b'dan. F'dan il-każ, il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 8 għandu jibda mill-ġurnata ta' wara li t-talba għall-għajnuna ġiet mgħoddija lill-uffiċċju ċentrali ta' kollegament.

Artikolu 4

1. L-obbligazzjoni li tingħata għajnuna kif ipprovduta f'dan ir-Regolament m'għandhiex tkopri t-trasmissjoni ta' informazzjoni jew dokumenti miksuba mill-awtoritajiet amministrattivi msemmija fl-Artikolu 1 li jaġixxu bl-awtorizzazzjoni jew fuq talba ta' l-awtorità ġudizzjarja.

2. Madankollu, fejn awtorità kompetenti għandha l-poteri skond il-liġi nazzjonali biex tikkomunika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, din tista' tiġi kkomunikata bħala parti mill-koperazzjoni amministrattiva pprovduta f'dan ir-Regolament. Kull komunikazzjoni bħal din għandha jkollha l-awtorizzazzjoni minn qabel ta' l-awtorità ġudizzjarja jekk in-neċessità ta' din l-awtorizzazzjoni toħroġ mil-liġi nazzjonali.

KAPITOLU II

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI FUQ TALBA

Sezzjoni 1

Talba għal informazzjoni u għal inkjesti amministrattivi

Artikolu 5

1. Fuq talba ta' l-awtorità rikjedenti, l-awtorità rikjesta għandha tikkomunika l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1, inkluża kull informazzjoni relatata ma' każ jew każijiet speċifiċi.

2. Għall-iskop ta' trasmissjoni ta' l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità rikjesta għandha tirranġa għat-tmexxija ta' kull inkjesta amministrattiva neċessarja biex tinkiseb din l-informazzjoni.

3. It-talba msemmija fil-paragrafu 1 tista' tinkludi talba raġonevoli għal inkjesta amministrattiva speċifika. Jekk l-Istat Membru jikkunsidra li l-ebda inkjesta mhi neċessarja, għandu jinforma immedjatament lill-awtorità rikjedenti bir-raġunijiet għal dan.

4. Sabiex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa jew sabiex tmexxi l-inkjesta amministrattiva mitluba, l-awtorità rikjesta jew l-awtorità amministrattiva li għaliha għandha rikors għandha tipproċedi bħallikieku qed taġixxi għaliha jew fuq talba ta' awtorità oħra fl-Istat Membru tagħha.

Artikolu 6

Talbiet għal informazzjoni u għal inkjesti amministrattivi skond l-Artikolu 5 għandhom, kemm jista' jkun possibli, jintbagħtu permezz ta' forma standard adotatta skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 44(2).

▼B

Artikolu 7

1. Fuq talba ta' l-awtorità rikjedenti, l-awtorità rikjesta għandha tikkomunikalha kull informazzjoni rilevanti li hi tikseb jew li għandha fil-pussess tagħha kif ukoll ir-riżultati ta' inkjesti amministrattivi, fil-forma ta' rapporti, dikjarazzjonijiet jew kull dokument ieħor, jew, kopji veri ċċertifikati jew estratti minnhom.

2. Dokumenti oriġinali għandhom ikunu pprovduti biss meta dawn ma jkunux kontrarji għad-disposizzjonijiet fis-seħħ fl-Istati Membri fejn hi stabbilita l-awtorità rikjesta.

Sezzjoni 2

Limitu ta' żmien biex tiġi pprovduta informazzjoni

Artikolu 8

L-awtorità rikjesta għandha tipprovdi l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 5 u 7 kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data ta' l-irċevuta tat-talba.

Madankollu, fejn l-awtorità rikjesta diġa għandha dik l-informazzjoni, il-limitu ta' żmien għandu jkun imnaqqas għal perijodu massimu ta' xahar.

Artikolu 9

F'ċerti kategoriji speċjali ta' każijiet jistgħu jiġu miftehma limiti ta' żmien differenti minn dawk ipprovduti fl-Artikolu 8 bejn l-awtoritajiet rikjesti u dawk rikjedenti.

Artikolu 10

Meta l-awtorità rikjesta ma tistax tirrispondi t-talba sat-terminu perentorju, hi għandha tinforma immedjatament lill-awtorità rikjedenti bil-kitba bir-raġunijiet għall-inkapaċità tagħha li tagħmel dan, u meta hi tikkunsidra meta se tkun tista' tirrispondi.

Sezzjoni 3

Preżenza f'uffiċċji amministrattivi u parteċipazzjoni f'inkjesti amministrattivi

Artikolu 11

1. Bi ftehim bejn awtorità rikjedenti u awtorità rikjesta u skond l-arranġamenti stabbiliti minn din ta' l-aħħar, uffiċjali awtorizzati mill-awtorità rikjedenti jistgħu jkunu preżenti fl-uffiċċji fejn jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istat Membru li fih hi stabbilita l-awtorità rikjesta biex jibdlu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1. Meta l-informazzjoni mitluba tinstab f'dokumentazzjoni li għalih għandhom aċċess l-uffiċjali ta' l-awtorità rikjesta, l-uffiċjali ta' l-awtorità għandhom jingħataw kopji tad-dokumentazzjoni li fiha l-informazzjoni mitluba.

2. Bi ftehim bejn l-awtorità rikjedenti u l-awtorità rikjesta, u skond l-arranġamenti stabbiliti minn din ta' l-aħħar, uffiċjali maħtura mill-awtorità rikjedenti jistgħu jkunu preżenti waqt l-inkjesti amministrattivi bil-għan li jibdlu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1. Inkjesti amministrattivi għandhom isiru b'mod esklussiv mill-uffiċjali ta' l-awtorità rikjesta. L-uffiċjali ta' l-awtorità rikjedenti ma jistgħux jeżerċitaw il-poteri ta' kontroll mogħtija lil uffiċjali ta' l-awtorità rikjesta. Huma

▼B

jistgħu, madankollu, ikollhom aċċess għall-istess bini u għall-istess dokumenti bħal dawn ta' l-aħħar, permezz ta' l-intermedjarju tagħhom u biss minħabba l-inkjesta amministrattiva li qed issir.

3. L-uffiċjali ta' l-awtorità rikjedenti preżenti fi Stat Membru ieħor skond il-paragrafi 1 u 2 iridu fil-ħinijiet kollha jkunu kapaċi jipproduċu awtorità miktuba li fiha hemm imniżżel l-identità u l-kapaċità uffiċjali tagħhom.

Sezzjoni 4

Kontrolli simultanji

Artikolu 12

Bil-għan li tinbidel l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1, żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jiftehmu li jmexxi kontrolli simultanji, fit-territorju tagħhom, tas-sitwazzjoni tat-taxxa ta' persuna taxxabli waħda jew aktar li huma ta' interess komuni jew komplimentari, kull meta dawn il-kontrolli jidhru li se jkunu aktar effettivi mill-kontrolli magħmula minn Stat Membru wieħed.

Artikolu 13

1. Stat Membru għandu jidentifika indipendentament il-persuni taxxabli li se jkunu suġġeriti għal kontroll simultanju. L-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti fl-Istati Membri l-oħra kkonċernati bil-każijiet proposti għall-kontrolli simultanji. Għandu jagħti raġunijiet għall-għażla tiegħu, kemm jista' jkun possibli, billi tiġi pprovduta l-informazzjoni li wasslet għad-deċiżjoni tiegħu. Għandu jispeċifika l-perijodu ta' żmien li matulu se jitmexxew dawn il-kontrolli.

2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom imbagħad jiddeċiedu jekk jixtiequx jieħdu sehem fil-kontrolli simultanji. Mar-riċevuta tal-proposta għal kontroll simultanju, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għandha tikkonferma l-qbil tagħha jew tikkomunika r-rifjut raġonevoli tagħha lill-awtorità korrispondenti.

3. Kull awtorità kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati għandha taħtar rappreżentant biex ikun responsabbli għas-superviżjoni u għall-kordinazzjoni ta' l-operazzjoni ta' kontroll.

KAPITOLU III

TALBA GĦAL NOTIFIA AMMINISTRATTIVA

Artikolu 14

L-awtorità rikjesta għandha, fuq talba ta' l-awtorità rikjedenti u skond ir-regoli rigward in-notifika ta' atti simili fl-Istat Membru li fih hi stabbilita, tinnotifika d-destinatarju bl-istrumenti u d-deċiżjonijiet kollha li joħorġu mill-awtoritajiet amministrattivi u li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-VAT fit-territorju ta' l-Istat Membru li fih hi stabbilita l-awtorità rikjedenti.

Artikolu 15

Talbiet għan-notifika, li jsemmu s-suġġett ta' l-att jew tad-deċiżjoni li għandhom jiġu nnotifikati, għandhom jindikaw l-isem, l-indirizz u kull informazzjoni oħra rilevanti biex ikun identifikat id-destinatarju.

▼B

Artikolu 16

L-awtorità rikjesta għandha tinforma immedjatament lill-awtorità rikjedenti dwar ir-risposta għat-talba ta' notifika u, b'mod partikolari, biddata li fiha d-deċiżjoni jew l-att ġew mgħarrfa lid-destinatarju.

KAPITOLU IV

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI MINGĦAJR TALBA MINN QABEL

Artikolu 17

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-Kapitoli V u VI, l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha tipproċedi bi skambju awtomatiku jew bi skambju awtomatiku strutturat, ta' l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 ma' l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru ieħor ikkonċernat, fil-każijiet li ġejjin:

1. fejn it-tassazzjoni ħa sseħħ fl-Istat Membru tad-destinazzjoni u l-effettività tas-sistema ta' kontroll tiddependi neċessarjament fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Istat Membru ta' l-oriġini;

2. fejn Stat Membru għandu raġuni jemmen li fi Stat Membru ieħor sar jew jista' jkun li sar ksur tal-leġislazzjoni tal-VAT;

3. fejn hemm riskju ta' telf ta' taxxa fi Stat Membru ieħor.

Artikolu 18

Dawn li ġejjin għandhom ikunu determinati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 44(2):

1. il-kategoriji eżatti ta' l-informazzjoni li se titpartat;

2. il-frekwenza ta' l-iskambji;

3. l-arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni.

Kull Stat Membru għandu jiddetermina jekk hux se jieħu sehem fl-iskambju ta' kategorija partikolari ta' informazzjoni, kif ukoll jekk dan hux se jsir b'mod awtomatiku jew b'mod awtomatiku strutturat.

Artikolu 19

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu, f'kull każ, jittrasmettu b'mod reċiproku, permezz ta' skambju spontanju, l-informazzjoni kollha msemmija fl-Artikolu 1 li hi fil-pussess tagħhom.

Artikolu 20

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri amministrattivi jew organizzattivi neċessarji biex jiffaċilitaw l-iskambji pprovduti f'dan il-Kapitolu.

Artikolu 21

Stat Membru ma jistax ikun obbligat, għall-iskopijiet ta' implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, li jimponi obbligazzjonijiet ġodda fuq debituri tal-VAT bil-għan li jiġbor informazzjoni u lanqas iġorr piżijiet amministrattivi sproporzjonati.

▼B

KAPITOLU V

ĦAŻNA U SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI SPEĊIFIKA GĦAT-TRANSAZZJONIJIET INTRA-KOMUNITARJI

Artikolu 22

▼M3

1. Kull Stat Membru għandu jżomm *database* elettroniku li fih huwa jaħżen u jipproċessa l-informazzjoni li hu jiġbor skond il-Kapitolu 6 fit-Titolu XI tad-Direttiva 2006/112/KE.

▼B

2. Stati Membri għandhom jiżguraw li l-bażi ta' l-informazzjoni tagħhom hi aġġornata, u li hi kompleta u eżatta.

Il-kriterji biex jiġi determinat tibdil li mhux adattat, essenzali jew bżonnjuż, huma determinati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 44(2).

Artikolu 23

Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni maħżuna skond l-Artikolu 22, l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tikseb minn kull Stat Membru ieħor komunikazzjoni awtomatika u mingħajr dewmien ta' l-informazzjoni li ġejja, li għaliha għandu jkollu aċċess dirett:

1. numri ta' identifikazzjoni tal-VAT maħruġa mill-Istat Membru li qed jirċievi l-informazzjoni;

▼M3

2. il-valur totali tal-fornimenti intra-Komunitarji kollha ta' merkanzija u l-valur totali tal-fornimenti intra-Komunitarji kollha ta' servizzi lil persuni li għandhom numru ta' identifikazzjoni tal-VAT mill-operaturi kollha identifikati għall-finijiet ta' VAT fl-Istat Membru li jipprovdi l-informazzjoni.

▼M4

Il-valuri msemmija fil-punt 2 ta' l-ewwel subparagrafu għandhom jingħataw fil-munita ta' l-Istat Membru li jipprovdi l-informazzjoni u jirriferu għall-perijodi tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet rikapitolattivi rispettivi ta' kull persuna taxxabbli taħt l-Artikolu 263 tad-Direttiva 2006/112/KE.

▼B

Artikolu 24

▼M3

Abbażi tad-data maħżuna skond l-Artikolu 22 u biss għall-prevenzjoni ta' ksur tal-leġislazzjoni tal-VAT, l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha, kull fejn tikkonsidra dan meħtieġ għall-kontroll ta' l-akkwisti ta' merkanzija intra-Komunitarja jew tal-fornimenti intra-Komunitarji ta' servizzi taxxabbli fit-territorju tagħha, tikseb direttament u mingħajr dewmien, jew ikollha aċċess dirett b'mezzi elettroniċi għal kwalunkwe informazzjoni li ġejja:

1. in-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-persuni li wettqu il-fornimenti ta' merkanzija u tas-servizzi msemmijin fil-punt 2 ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 23;

2. il-valur totali ta' tali fornimenti ta' merkanzija u tas-servizzi minn kull tali persuna lil kull persuna li għandha numru ta' identifikazzjoni tal-VAT imsemmi fil-punt 1 ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 23.

▼M4

Il-valuri msemmija fil-punt 2 ta' l-ewwel subparagrafu għandhom jingħataw fil-munita ta' l-Istat Membru li jipprovdi l-informazzjoni u jirriferu għall-perijodi tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet rikapitolat-

▼M4

tivi rispettivi ta’ kull persuna taxxabbli taħt l-Artikolu 263 tad-Direttiva 2006/112/KE.

▼B

Artikolu 25

▼M4

1. Fejn l-awtorità kompetenti ta’ Stat Membru tkun obbligata tagħti aċċess għal informazzjoni taħt l-Artikoli 23 u 24, hija għandha tagħmel dan malajr kemm jista’ jkun u mhux aktar tard minn perijodu ta’ xahar li jibda mit-tmiem tal-perijodu li għalih hija relattiva l-informazzjoni.

2. B’deroga mill-paragrafu 1, fejn l-informazzjoni tiddaħħal f’bażi ta’ informazzjoni elettronika fiċ-ċirkostanzi previsti fl-Artikolu 22, l-aċċess għal din l-informazzjoni addizzjonali għandu jingħata malajr kemm jista’ jkun u mhux aktar tard minn matul il-perijodu ta’ xahar li jsegwi l-perijodu li matulu tkun inġabret l-informazzjoni.

▼B

3. Il-kondizzjonijiet li taħthom jingħata l-aċċess għall-informazzjoni kkoreġuta għandhom ikunu stabbiliti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 44(2).

Artikolu 26

Fejn, għall-iskopijiet ta' l-Artikoli 22 sa' 25, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jaħżnu l-informazzjoni f'bażi ta' informazzjoni u jpartu din l-informazzjoni b'mezzi elettroniċi, huma għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw konformità ma' l-Artikolu 41.

Artikolu 27

1. Kull Stat Membru għandu jżomm bażi ta' informazzjoni elettronika li tinkludi reġistru ta' persuni li għalihom inħarġu numri ta' l-identifikazzjoni tal-VAT f'dak l-Istat Membru.

2. F'kwalunkwe ħin l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tikseb direttament jew tkun ikkomunikata, l-informazzjoni maħżuna skond l-Artikolu 22, b'konferma tal-validità tan-numru ta' l-identifikazzjoni tal-VAT taħt liema persuna effettwat jew irċiviet fornitura intra-Komunitarja ta' oġġetti jew servizzi.

Fuq talba speċifika, l-awtorità rikjesta għandha tikkomunika wkoll id-data tal-ħruġ, u fejn xieraq, id-data ta' skadenza tan-numru ta' l-identifikazzjoni tal-VAT.

3. Fuq talba, l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi wkoll mingħajr dewmien l-isem u l-indirizz tal-persuna li nħarġilha n-numru, sakemm din l-informazzjoni mhiex miżmuma mill-awtorità rikjedenti bil-ħsieb ta' użu possibli f'xi żmien fil-futur.

▼M3

4. L-awtoritajiet kompetenti ta’ kull Stat Membru għandhom jiżguraw li persuni involuti fil-forniment intra-Komunitarju ta’ merkanzija jew ta’ servizzi u, għall-perijodu previst fl-Artikolu 357 tad-Direttiva 2006/112/KE, persuni taxxabbli mhux stabbiliti li jfornu servizzi fornuti elettronikament, partikolarment dawk imsemmija fl-Anness II ta’ dik id-Direttiva, huma permessi jiksbu konferma tal-validità tan-numru ta’ identifikazzjoni tal-VAT ta’ kwalunkwe persuna speċifikata.

Matul il-perijodu previst fl-Artikolu 357 tad-Direttiva 2006/112/KE, l-Istati Membri għandhom jipprovdu tali konferma permezz ta’ mezzi elettroniċi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 44(2) ta’ dan ir-Regolament.

▼B

5. Fejn, għall-iskopijiet tal-paragrafi 1 sa' 4, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jaħżnu informazzjoni f'bażi ta' informazzjoni elettroniċi u jpartu din l-informazzjoni b'mezzi elettroniċi, huma għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw konformità ma' l-Artikolu 41.

KAPITOLU VI

►M3 DISPOŻIZZJONIJIET DWAR L-ISKEMI SPEĊJALI FIL-KAPITOLU 6 TAT-TITOLU XII TAD-DIRETTIVA 2006/112/KE ◄

▼M3

Artikolu 28

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward ta' l-iskemi speċjali previsti fil-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva 2006/112/KE. Id-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 358 dik id-Direttiva għandhom japplikaw ukoll għall-fini ta' dan il-Kapitolu.

▼B

Artikolu 29

▼M3

1. L-informazzjoni provduta mill-persuna taxxabbli li m'hijiex stabbilita fil-Komunità lill-Istat Membru ta' identifikazzjoni meta tibda l-attivitajiet tagħha skond l-Artikolu 361 tad-Direttiva 2006/112/KE għandha tiġi ppreżentata b'mod elettroniku. Id-dettalji tekniċi, inkluż messaġġ elettroniku komuni, għandhom jiġu ddeterminati skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 44(2) ta' dan ir-Regolament.

▼B

2. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jittrasmetti din l-informazzjoni b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra fi żmien 10't ijiem mill-aħħar tax-xahar li matulu irċevew l-informazzjoni mingħand il-persuna taxxabbli mhux stabbilita. Fl-istess manjiera l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra għandhom ikunu nformati bin-numru ta' identifikazzjoni allokat. Id-dettalji tekniċi għat-trasmissjoni ta' din l-informazzjoni, li jinkludu messaġġ elettroniku komuni, għandhom ikunu determinati skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 44(2).

3. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jinforma mingħajr dewmien b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra jekk persuna taxxabbli mhux stabbilita hi eskluża mir-reġistru ta' identifikazzjoni.

Artikolu 30

▼M3

Id-dikjarazzjoni bid-dettalji mniżżla fl-Artikoli 365 tad-Direttiva 2006/112/KE trid tiġi ppreżentata b'mod elettroniku. Id-dettalji tekniċi, inkluż messaġġ elettroniku komuni, għandhom jiġu ddeterminati skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 44(2) ta' dan ir-Regolament.

▼B

L-Istat Membru ta' identifikazzjoni jittrasmetti din l-informazzjoni b'mezzi elettroniċi lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat mhux aktar tard minn 10't ijiem wara l-aħħar tax-xahar li fih ġiet irċevuta d-denunzja. L-Istati Membri li jesiġu li d-denunzja tat-taxxa ssir fil-munita nazzjonali għajr l-euro, għandhom jikkonvertu l-ammonti f'euro permezz tar-rata tal-kambju valida għall-aħħar ġurnata tal-perijodu ta' rappurtaġġ. Il-kambju għandu jsir wara li jkunu ppublikati mill-Bank Ċentrali Ewropew ir-rati tal-kambju għal dik il-ġurnata, jew, jekk

▼B

m'hemmx pubblikazzjoni f'dik il-ġurnata, fuq ir-rati tal-kambju ta' l-ewwel ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni. Id-dettalji tekniċi għat-trasmissjoni ta' l-informazzjoni għandhom ikunu determinati skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 44(2).

L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jittrasmetti b'mezzi elettroniċi lill-Istat Membru ta' konsum l-informazzjoni meħtieġa biex kull ħlas jingħaqad mad-denunzja tal-vat ta' kull tliet xhur rilevanti.

▼M3

Artikolu 31

Id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw ukoll għall-informazzjoni miġbura mill-Istat Membru ta' identifikazzjoni b'mod konformi ma' l-Artikoli 360, 361, 364 u 365 tad-Direttiva 2006/112/KE.

▼B

Artikolu 32

L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jiżgura li l-ammont li ġie mħallas mill-persuna taxxabli mhux stabbilita ġie trasferut għall-kont bankarju denominat f'euro, li nħatar mill-Istat Membru ta' konsum li għalih hu dovut il-ħlas. L-Istati Membri li jeħtieġu l-ħlas fil-munita nazzjonali għajr euro, għandhom jikkonvertu l-ammonti f'euro permezz tar-rata ta' kambju valida għall-aħħar data tal-perijodu ta' rappurtaġġ. Il-kambju għandu jsir wara li jkunu ppublikati mill-Bank Ċentrali Ewropew ir-rati tal-kambju għal dik il-ġurnata, jew, jekk m'hemmx pubblikazzjoni f'dik il-ġurnata, fuq ir-rati tal-kambju ta' l-ewwel ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni. It-trasferiment għandu jsir mhux aktar tard minn 10't ijiem wara l-aħħar tax-xahar li fih sar il-ħlas.

Jekk il-persuna taxxabbli mhux stabbilita ma tħallasx it-taxxa kollha dovuta, l-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jiżgura li l-ħlas jiġi trasferit lill-Istati Membri ta' konsum bi proporzjoni għat-taxxa dovuta f'kull Stat Membru. L-Istat Membru ta' identifikazzjoni għandu jinforma b'mezzi elettroniċi dwar dan lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri tal-konsum.

Artikolu 33

L-Istati Membri għandhom jinformaw b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra dwar in-numri ta' kontijiet bankarji rilevanti għall-kreditu tal-ħlas skond l-Artikolu 32.

L-Istati Membri għandhom jinformaw mingħajr dewmien b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar tibdil fir-rata standard tat-taxxa.

▼M3

Artikolu 34

L-Artikoli 28 sa' 33 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-perijodu previst fl-Artikolu 357 tad-Direttiva 2006/112/KE.

▼M3

KAPITOLU VIa

DISPOŻIZZJONIJIET RIGWARD L-ISKAMBJU U L-KONSERVAZZJONI TA' INFORMAZZJONI FIL-KUNTEST TAL-PROĊEDURA PREVISTA FID-DIRETTIVA 2008/9/KE

Artikolu 34a

1. Fejn l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' stabbiliment tirċievi applikazzjoni għal rifużjoni ta' taxxa fuq il-valur miżjud skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/9/KE tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/EC, lil persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor ([1]) u l-Artikolu 18 ta' dik id-Direttiva ma jkunx applikabbli, hija għandha, fi żmien 15-il jum kalendarju mir-riċeviment tagħha u b'mezzi elettroniċi, tgħaddi l-applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru ta' rifużjoni konċernat b'konferma li l-applikant, kif definit fil-punt (5) ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2008/9/KE, huwa persuna taxxabbli għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li n-numru ta' identifikazzjoni jew reġistrazzjoni mogħti minn din il-persuna huwa validu għall-perijodu ta' rifużjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru ta' rifużjoni għandhom jinnotifikaw b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe informazzjoni mitluba minnhom skond l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2008/9/KE. Id-dettalji tekniċi, inkluż messaġġ elettroniku komuni, li bih għandha tiġi trasmessa din l-informazzjoni, għandhom jiġu ddeterminati skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 44(2).

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru ta' rifużjoni għandhom jinnotifikaw b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra jekk huma jkunu jridu jagħmlu użu mill-għażla li jitolbu lill-applikant jipprovdi d-deskrizzjoni ta' l-attività tan-negozju b'kodiċi armonizzati kif imsemmi fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2008/9/KE.

Il-kodiċi armonizzati msemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu ddeterminati skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 44(2) ta' dan ir-Regolament abbażi tal-klassifika tan-NACE stabbilita bir-Regolament (KEE) Nru 3037/90.

▼B

KAPITOLU VII

RELAZZJONIJIET MAL-KUMMISSJONI

Artikolu 35

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jeżaminaw u jivvalutaw kif qiegħdin jaħdmu l-arranġamenti għal koperazzjoni amministrattiva pprovduti f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tiċċentralizza l-esperjenza ta' l-Istati Membri bil-għan li ttejjeb l-operazzjoni ta' dawn l-arranġamenti.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull informazzjoni disponibbli rilevanti għall-applikazzjoni li dawn jagħtu għal dan ir-Regolament.

3. Lista ta' informazzjoni ta' statistika bżonnjuża għall-valutazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tiġi determinata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 44(2). L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw din l-

([1]) ĠU L 44, 20.2.2008, p. 23.

▼B

informazzjoni lill-Kummissjoni sakemm tkun disponibbli u li l-komunikazzjoni ma tinvolvix piżijiet amministrattivi li ma jkunux ġustifikati.

4. Bil-għan li tiġi vvalutata l-effettività ta' din is-sistema ta' koperazzjoni amministrattiva fil-ġlieda kontra l-evażjoni u l-frodi, l-Istati Membri jistgħu jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull informazzjoni oħra msemmija fl-Artikolu 1.

5. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati.

KAPITOLU VIII

RELAZZJONIJIET MA' PAJJIŻI TERZI

Artikolu 36

1. Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tirċievi informazzjoni minn pajjiż terz, dik l-awtorità tista' tgħaddi l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri li juru interess fiha u, f'kull każ, lil dawk kollha li jitolbuha, sakemm dan hu permess b'arranġamenti ta' assistenza ma' dak il-pajjiż terz partikolari.

2. Sakemm il-pajjiż terz ikkonċernat ikun responsabbli li jipprovdi l-għajnuna meħtieġa biex tinġabar evidenza tan-natura rregolari tat-transazzjonijiet li jidhru kontrarji għal-leġislazzjoni tal-VAT, informazzjoni miksuba taħt dan ir-Regolament tista' tkun ikkomunikata lil dak il-pajjiż terz, bil-kunsens ta' l-awtoritajiet kompetenti li pprovdew l-informazzjoni, skond id-disposizzjonijiet interni tagħhom li japplikaw għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni personali lill-pajjiżi terzi.

KAPITOLU IX

KONDIZZJONIJIET LI JIRREGOLAW L-ISKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

Artikolu 37

Informazzjoni kkomunikata skond dan ir-Regolament għandha, sakemm hu possibli, tkun ipprovduta b'mezzi elettroniċi taħt l-arranġamenti li għandhom ikunu adotatti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 44(2).

Artikolu 38

Talbiet għall-għajnuna, inkluż talbiet għan-notifika, u dokumenti mehmuża jistgħu jsiru f'kwalunkwe lingwa miftiehma mill-awtorità rikjesta u dik rikjedenti. Dawn it-talbiet għandhom ikunu akkumpanjati biss minn traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru li fih hi stabbilita l-awtorità rikjesta, f'każijiet speċjali fejn l-awtorità rikjesta tagħti raġuni għat-talba ta' din it-traduzzjoni.

Artikolu 39

▼M3

Għall-perijodu previst fl-Artikolu 357 tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali sistemi eżistenti jew ġodda ta' skambju ta' komunikazzjoni jew ta' informazzjoni li huma meħtieġa sabiex jipprovdu għall-iskambji ta' informazzjoni deskritti fl-Artikoli 29 u 30 ta' dan ir-Regolament huma operattivi. Il-Kummissjoni ser tkun responsabbli għal kwalunkwe żvilupp tan-netwerk ta' komunikazzjonijiet komuni/għaqda ta' sistemi komuni

▼M3

(CCN/CSI) li jkun meħtieġ sabiex jippermetti l-iskambju ta' din l-informazzjoni bejn l-Istati Membri. L-Istati Membri ser ikunu responsabbli għal kwalunkwe żvilupp tas-sistemi tagħhom li jkun meħtieġ sabiex jippermetti li din l-informazzjoni tiġi skambjata bl-użu tas-CCN/CSI.

▼B

L-Istati Membri għandhom iċedu t-talbiet kollha biex jiġu rifondati l-ispejjeż minfuqa sabiex jiġi applikat dan ir-Regolament ħlief, fejn xieraq, fir-rigward ta' ħlas lill-esperti.

Artikolu 40

1. L-awtorità rikjesta fi Stat Membru wieħed għandha tipprovdi lil awtorità rikjedenti fi Stat Membru ieħor bl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 sakemm:

(a) in-numru u n-natura tat-talbiet għal informazzjoni magħmula mill-awtorità rikjedenti f'perijodu speċifikat ma jimponux piż amministrattiv sproporzjonat fuq dik l-awtorità rikjesta;

(b) dik l-awtorità rikjesta użat is-sorsi kollha ta' l-informazzjoni li setgħet tuża fiċ-ċirkustanzi biex tikseb l-informazzjoni mitluba, mingħajr r-riskju li tikkompromietti l-kisba tar-riżultat mixtieq.

2. Dan ir-Regolament m'għandu jimponi l-ebda obbligu li jkun hemm inkjesti magħmula jew li tkun ipprovduta informazzjoni jekk il-liġijiet jew il-prattiċi amministrattivi ta' l-Istat Membru li jrid iforni l-informazzjoni ma jawtorizzawx lill-Istat Membru biex iwettaq dawn l-inkjesti jew jiġbor jew juża dik l-informazzjoni għall-iskopijiet proprji ta' l-Istat Membru.

3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni meta l-Istat Membru kkonċernat ma jistax, għal raġunijiet ġuridiċi, jipprovdi informazzjoni simili. Il-Kummissjoni għandha tkun informata fuq il-bażi ta' rifjut mill-Istat Membru rikjesta.

4. It-trasmissjoni ta' informazzjoni tista' tkun rifjutata jekk se twassal għall-iżvelar ta' sigriet kummerċjali, industrijali jew professjonali jew ta' proċess kummerċjali, jew ta' informazzjoni li l-kxif tagħha jmur kontra l-politika pubblika.

5. L-awtorità rikjesta għandha tinforma lill-awtorità rikjedenti dwar ir-raġuni ta' rifjut ta' talba għall-għajnuna.

6. Limitu minimu li jista' jwassal għal talba għall-għajnuna jista' jkun adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 44(2).

Artikolu 41

1. L-informazzjoni kkomunikata f'kull forma skond dan ir-Regolament għandha tkun koperta bl-obbligu ta' sigriet uffiċjali u tgawdi mill-protezzjoni estiża għal informazzjoni simili kemm taħt il-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru li rċevieha kif ukoll ta' l-istandards korrispondenti applikabbli għall-awtoritajiet Komunitarji.

Din l-informazzjoni tista' tintuża għall-iskop biex tiġi stabbilita bażi ta' valutazzjoni jew il-kollezzjoni jew il-kontroll amministratti tat-taxxa għall-iskop biex tiġi stabbilita l-bażi ta' valutazzjoni.

L-informazzjoni tista' tintuża wkoll għall-valutazzjoni ta' levies, dazji u taxxi koperti bl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 76/308/KEE tal-15 ta' Marzu 1976 fuq għajnuna reċiproka għall-ġbir ta' krediti rilatati ma' ċerti levies, dazji u taxxi u miżuri oħra [1].

[1] ĠU L 73, tad-19.3.1976, p. 18. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/44/KE (ĠU L 175, tat-28.6.2001, p. 17).

▼B

B'addizzjoni, tista' tintuża flimkien mal-proċeduri ġuridiċi li jistgħu jinvolvu penalitajiet, li jibdew bħala riżultat ta' ksur tal-liġi tat-taxxa mingħajr preġudizzju għar-regoli ġenerali u d-disposizzjonijiet ġuridiċi li jirregolaw id-drittijiet tal-konvenuti u tax-xhieda f'dawn il-proċeduri.

2. Il-persuni debitament ikkreditati mill-Awtorità ta' Akkreditament f'kwistjonijiet ta' Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea jistgħu jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni biss sakemm hi neċessarja għall-kura, għall-manteniment u għall-iżvilupp tan-network ta' CCN/CSI network.

3. Permezz tad-deroga mill-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jipprovdi l-informazzjoni għandha tippermetti l-użu tagħha għal skopijiet oħra fl-Istat Membru ta' l-awtorità rikjedenti, jekk, skond il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ta' l-awtorità rikjesta, l-informazzjoni tista' tintuża għal skopijiet simili.

4. Fejn l-awtorità rikjedenti tikkonsidra dik l-informazzjoni li hi rċeviet mill-awtorità rikjesta tista' tkun bżonnjuża għall-awtorita kompetenti ta' Stat Membru Terz, tista' titrasmettiha għal dan ta' l-aħħar. Għandha tinforma lill-awtoritità rikjesta b'dan bil-quddiem. L-awtorità rikjesta tista' teħtieġ li t-trasmissjoni ta' l-informazzjoni lil parti terza tkun bla ħsara għal ftehim minn qabel.

5. Stati Membri għandhom, għall-iskop ta' applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament, jirrestringu l-iskop ta' l-obbligi u d-drittijiet ipprovduti fl-Artikolu 10, fl-Artikolu 11(1), fl-Artikoli 12 u 21 tad-Direttiva 95/46/KE sal-limitu meħtieġ sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi msemmija fl-Artikolu 13(e) ta' dik id-Direttiva.

Artikolu 42

Rapporti, dikjarazzjonijiet u dokumenti oħra, kopji ċertifikati u estratti minnhom, miksuba mill-persunal ta' l-awtorità rikjesta u kkomunikati lill-awtorità rikjedenti taħt l-għajnuna pprovduta b'dan ir-Regolament jistgħu jkunu użati bħala evidenza mill-korpi kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-awtorità rikjedenti fuq l-istess bażi ta' dokumenti simili pprovduti minn awtorità oħra ta' dak il-pajjiż.

Artikolu 43

1. Għall-iskop ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex:

(a) jiżguraw kordinazzjoni interna effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 3;

(b) jistabbilixxu koperazzjoni bejn l-awtoritajiet awtorizzati għall-iskop ta' din il-koperazzjoni;

(ċ) jiżguraw funzjonament tajjeb ta' l-arranġamenti għal skambju ta' informazzjoni pprovduti f'dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lil kull Stat Membru, kemm jista' jkun malajr, kull informazzjoni li hi tirċievi u li hi kapaċi tipprovdi.

KAPITOLU X

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 44

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna mill-Kumitat Permanenti dwar Koperazzjoni Amministrattiva (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ bħala "il-Kumitat").

▼B

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, waqt li jiġu kkunsidrati d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 45

1. Kull tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirraporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' kull disposizzjoni tal-liġi nazzjonali, li huma jadottaw fil-qasam kopert b'dan ir-Regolament.

Artikolu 46

1. Id-disposizzjonijiet f'dan ir-Regolament għandhom ikunu mingħajr ħsara għat-twettiq ta' l-obbligazzjonijiet usa' f'rigward għajnuna reċiproka li jirriżultaw minn atti legali oħra, inklużi ftehim bilaterali jew multilaterali.

2. Meta l-Istati Membri jikkonkludu ftehim bilaterali dwar kwistjonijiet koperti b'dan ir-Regolament minflok jieħdu ħsieb każijiet individwali, huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 47

Ir-Regolament (KEE) Nru. 218/92 hu hawnhekk imħassar.

Referenzi magħmula għar-Regolament imħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 48

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.